# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 62

It-Tlieta 25 t'April 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tlieta 25 t'April 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

62.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil u l-Kunsillier Juliet Attard ser ikunu ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

62.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 61 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

62.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

62.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

62.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja mpenjata bl-aħħar preparamenti għall-attivita' ta' nhar il-ġimgħa 28 t'April 2023 li hija l-aħħar attivita' marbuta mal-proġett b'ko-finanzjament ta' fondi Ewropej taħt il-miżura 19.2/3 liema proġett kien jinkludi wkoll il-bini mill-ġdid tal-*belvedere* fi Triq L-Isqawi. Huwa qal li l-inawgurazzjoni uffiċċjali tal-proġett se ssir illum aktar tard wara l-laqgħa.

62.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li saret il-laqgħa ta' kull xahar mas-sezzjoni tal-Pulizija tal-Komunita' fil-preżenza tas-Supretendent tal-Pulizija u l-Ispettur tal-Pulizija tal-Komunita' fejn ġie diskuss rapport li thejja minnhom u suġġerimenti fejn jistgħu jiġu nstallati *CCTV cameras* għal aktar sigurta' fix-Xlendi. Waqt din il-laqgħa ġie propost sabiex il-Kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/04/2023 biex jiġu

nstallati dawn il-*CCTV cameras.* Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 62.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

62.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 62.5 Proġetti fil-Lokalita';

62.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li ġiet ikkonfermata d-data tal-15 ta' Ġunju 2023 għall-inawgurazzjoni uffiċċjali tal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi. Huwa għarraf li preżenti se jkun hemm il-Ministru Clint Camilleri, is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Bonnett kif ukoll is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Rappreżentanti minn Heritage Malta u Wirt Għawdex kif ukoll xi persuni distinti oħra li taw il-kontribut tagħhom fil-proġett se jkunu mistiedna wkoll.

62.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet ikkonfermata d-data tas-26 ta' Mejju 2023 sabiex jiġi nawgurat il-proġett ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

62.5.3 Dwar il-proġett ta' Triq L-Isqawi ko-finanzjat minn fondi Ewropej, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet kif ukoll rapport ta' evalwazzjoni dwar xi servizzi b'rabta mal-aħħar avveniment. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jakkwista s-servizzi tal-orħos offerenti li huma Paul Borg, Carl Matthew Camilleri, Conrad Briffa, StraightAhead Band, Micho Lighting, Besteam Audio, Keane Cutajar, Security First Services Limited.

## 62.6 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2022;

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li għalkemm ix-xogħol, l-informazzjoni u d-dokumenti kollha rikjesti mill-awdituri ngħataw fil-ħin, l-awdituri ma laħqux mal-mira stabbilita biex jitlestew għal din il-laqgħa. Il-Kunsill innota dan u ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa b'urġenza fil-jiem li ġejjin biex dan ir-rapport jiġi approvat.

## 62.7 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2022;

62.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2022 flimkien mar-rapport tal- ħidma tal-membri tal-Kunsill skont ir-responsabiltajiet assenjati lilhom, liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel. Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2022 ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 62.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

62.8.1 Il-Kunsill irċieva mandat għat-taħrik ta' xhieda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-każ bejn 'All Buildings Limited' u 'Gatt Tarmac Limited', fejn issejħu biex jidhru s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' persuni oħra fosthom il-Perit tal-proġett ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq tax-Xadba. Ix-xhieda tas-Segretarju Eżekuttiv u tas-Sindku ser tkun qed tingħata nhar id-19 ta' Mejju 2023. Il-Kunsill innota dan.

62.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi ftehim dwar tlett *Electric Pedal Cycles* li ngħataw mill-Kunsill Reġjonali Għawdex lill-Kunsill Lokali Il-Munxar għall-użu mill-adoloxxenti tal-lokalita'. Dan il-ftehim jinkludi kundizzjonijiet oħra dwar min hu eliġibbli li jużaw dawn ir-roti. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex dan il-ftehim jiġi ffirmat.

62.8.3 Il-Kunsill irċieva talba għall-permess ta' divertiment okkażjonali fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi nhar l-1 ta' Mejju 2023. Kien hemm qbil mill-membri li jingħata dan il-permess.

62.8.4 Ministry for Public Works and Planning - Invitation to Coastal-COVER Workshop. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Sindku ser ikun qed jattendi virtwalment.

62.8.5 PQ 7546 – Aċċessibilita' fil-bini tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

62.8.6 PQ 7545 – Kunsilli Lokali – Quality Service Charter. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

62.8.7 Ċirkulari DLG numru 07/2023 – Fondi Ewropej: Linji gwida lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali dwar talbiet għal assistenza li jikkonċernaw proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja u fondi Internazzjonali oħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.8 Ċirkulari DLG numru 08/2023 – Ristrutturar u re-branding tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.9 Ċirkulari DLG numru 09/2023 – Każijiet tal-Ombudsman u ħatra ta' Focal Persons. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2023/025 – Joining the PES Group campaign #SafePlace4Women. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/026 – European Cities Against Drugs ECAD_Mayors' & Stakeholders Conference & Welcome Dinner. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2023/027 – European Bench for Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2023/028 – Discussing the National Energy and Climate Plan for Malta and the way forward to Join the Convenant of Mayors. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2023/029 – Kominkazzjoni mill-LESA – Formoli ġodda tal-Bord tal-Petizzjonijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2023/030 – Binjiet mixgħula bl-aħmar – 14 ta' Ġunju – Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.8.16 Ilment 11/2023
Resident jilmenta dwar arblu tad-dawl li ġie nstallat minn Enemalta PLC eżatt mal-gallerija tiegħu. Kien hemm qbil sabiex dan l-ilment jitressaq ma' Enemalta PLC.

62.8.17 Ilment 12/2023
Sid ta' għalqa jilmenta dwar siġar li tħawlu fil-wied tax-Xlendi li meta jikbru ser joħolqulu problemi fl-għalqa tiegħu minħabba l-għeruq. Il-

membri innutaw li s-siġar li tħawlu huma żgħar ħafna u mhux daqshekk qrib biex ikun hemm din il-problema u qalu wkoll li dawn is-siġar tħawlu minn l-aġenzija tal-Gvern Ċentrali 'Parks Malta' mingħajr ebda avviż lill-Kunsill. Madanakollu, il-Kunsill huwa favur ta' tħawwil ta' aktar siġar u għalhekk mhux se jkun hu li jneħħi dawn is-siġar.

62.8.18 Ilment 13/2023
Residenta tiġbed l-attenzjoni ta' sewqan eċċessiv fi Triq Sant'Indrija fix-Xlendi u tissuġġerixxi li tiġi nstallata *sleeping police* u jsiru tabelli. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex jiġu nstallati marki stradali kontra s-sewqan eċċessiv.

62.8.19 Ilment 14/2023
Resident jilmenta dwar nuqqas ta' ħarsien tal-iskeda tal-ġbir tal-iskart fl-inħawi ta' Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jinforma lill-Pulizija tal-Komunita' biex iħabbat lir-residenti kollha ta' dawk l-inħawi u jqasmilhom l-iskeda bħala kampanja ta' edukazzjoni.

62.8.20 Ilment 15/2023
Sid ta' għalqa jitlob sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin li jinsab f'passaġġ fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol.

62.8.21 Ilment 16/2023
Resident jiġbed l-attenzjoni dwar tappieri miksura fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi li hija ta' periklu għal min ikun jimxi fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din ġiet irranġata b'urġenza minħabba l-periklu. Kien hemm qbil mill-membri.

62.8.22 Ilment 17/2023
Jiġbed l-attenzjoni dwar in-numru kbir ta' vettur kummerċjali u turistiċi li qed jidħlu fuq il-pavimentar fl-inħawi tas-sanap. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex teħel tabella li ma tippermettix dħul ta' vetturi simili f'dawk l-inħawi u tintalab assistenza mill-Pulizija.

62.8.23 Ilment 18/2023
Residenta titlob sabiex tiġi emendata l-pożizzjoni tal-bus stop 'Aquilina' minn fuq Google maps peress li preżentament qiegħda

mmarkata fuq ir-residenza tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni lil Transport Malta.

## 62.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

62.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 62/2023-8 għall-perjodu bejn it-24 ta' Marzu 2023 u l-25 t'April 2023 li tammonta għal €54,428.68 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Joseph Cauchi kien il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmela Parnis is-sekondant.

## 62.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

62.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.05 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 18 ta' Mejju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 18 ta' Mejju 2023.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv